repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

# Il-fehma ta’ Repubblika dwar l-hekk imsejjħa “Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali 2023-2030” ippubblikata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali

1 ta’ Lulju 2023

*Daħla* ... *3*
*Temi neqsin* ... *5*
*It-tnaqqis tal-poteri* ... *7*
*Kumitati rappreżentativi* ... *8*
*Ir-rakkomandazzjonijiet pendenti* ... *9*
Dikjarazzjoni kostituzzjonali ... 9
Awtonomija finanzjarja ... 9
Żieda ta' funzjonijiet ... 9
Inqas indħil tal-gvern ċentrali ... 9
Konsultazzjoni effettiva ... 10
Kumpens xieraq ... 10
Il-membri eletti jagħżlu lill-amministraturi ... 10
Rikonoxximent tal-Belt Kapitali ... 10
Parteċipazzjoni akbar ... 10
*Taxxi Lokali* ... *10*
*Kunsilli Reġjonali* ... *12*
*Parteċipazzjoni ta' Kulħadd* ... *13*
*Konklużjoni* ... *14*

# Daħla

Repubblika tibda billi tfakkar li Malta hi firmatarja tal-Karta Ewropea dwar il-Gvern Lokali. It-test oriġinali ta' dan it-test legali jġib it-titlu bl-Ingliż "European Charter for Self-Government." Għalkemm dan jista' jidher bħala dettall, aktar 'il quddiem f'dan id-dokument se nispjegaw l-importanza tal-fatt li bl-Ingliż it-test ma jitkellimx fuq Local Government, jew gvern lokali, imma dwar Local Self-Government, u allura gvern immexxi mill-poplu tal-lokalità.

Kif ġie osservat fir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kungress Ewropew tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali li l-gvern Malti injora għal kollox, il-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi biss li jkun hemm gvern lokali, iżda ma tgħidx li dak il-gvern lokali għandu jitmexxa mill-poplu ta' dik il-lokalità.

Dan mhux biss difett fil-liġi. Hu l-qalba tal-problema kulturali u politika fid-demokrazija li għandna. Nirreferu għall-kliem li bih fetħet id-daħla tagħha għal din l-hekk imsejjħa viżjoni strateġika nazzjonali, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli li tgħid testwalment: "Il-Kunsilli Lokali huma estensjoni tal-Gvern fil-komunità." Hu ċar li għall-gvern ċentrali, il-Kunsilli Lokali huma estensjoni tiegħu, frieġħi tar-rieda ta' Kastilja u għodda ta' relazzjonijiet pubbliċi u tal-implimentazzjoni effettiva tal-poter tal-gvern.

Kull reġim dittatorjali jaħtar u jikkontrolla amministraturi lokali biex ikunu estensjoni tiegħu fl-irħula u l-bliet fejn ma jistax jidher wiċċ il-gvern ċentrali kuljum. Kull amministrazzjoni ta' kwalunkwe forma politika tara li jkun hemm "estensjoni tiegħu fil-komunità."

Dak li jiddefenixxi demokrazija iżda hi il-prinċipji li fil-liġi, fil-politika, u fil-imġieba tiegħu il-gvern Malti sistematikament jinjora inkluż f'din l-hekk imsejjħa viżjoni strateġika nazzjonali.

Intennu it-tlett prinċipji imniżżla fil-Karta Ewropea dwar il-Gvern Lokali:

1. L-awtoritajiet lokali huma sies ewlieni tad-demokrazija inkluż għax inaqqsu l-konċentrazzjoni u ċ-ċentralizzazzjoni tal-poter;
2. Iċ-ċittadini għandhom dritt jieħdu sehem fit-tmexxija tal-ħwejjeġ pubbliċi u dan jistgħu l-aktar jagħmluh fil-bliet u r-rħula tagħhom;
3. Jekk jingħataw ir-responsabbiltà, l-awtoritajiet lokali jistgħu jkunu effettivi waqt li jibqgħu qrib iċ-ċittadin.

Kif tgħid il-Karta Ewropea, nemmnu li biex dawn il-prinċipji jintlaħqu jrid ikollna awtoritajiet lokali b'korpi kostitwiti b'mod demokratiku, b'awtonomija wiesgħa meta jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom, u bir-riżorsi u l-mezzi kollha li għandhom bżonn biex jagħmlu xogħolhom.

Il-Kunsilli Lokali ilhom f'Malta 30 sena. Għalkemm il-potenzjal tagħhom kien kbir u l-valur li żiedu għall-ħajja tal-komunità inħass malli bdew jaħdmu, naqas ħafna l-pass tal-progress lejn l-oġġettivi tal-Karta Ewropea.

Hi l-fehma ta' Repubblika li f'dawn l-aħħar għaxar snin, l-aktar terz riċenti fl-istorja tal-eżistenza tagħhom, il-Kunsilli Lokali tnawwrulhom l-istrutturi demokratiċi, tnaqqsitilhom l-awtonomija u l-kompetenzi tagħhom, u tnaqqsulhom ir-riżorsi biex jagħmlu xogħolhom. Xejn fl-hekk imsejjħa viżjoni strateġika nazzjonali ma jtaffi dan it-tnawwir.

## Temi neqsin

Id-dokument tal-gvern fih ħames temi: (1) “governanza tajba u effettiva”, (2) “riżorsa reġjonali għall-Kunsilli Lokali”, (3) “lokalitajiet b’ambjent aktar nadif”, (4) “Kunsilli Lokali viċin in-nies”, (5) “priorità diġitali fil-gvern lokali”.

Ninnutaw fl-ewwel lok li l-istrateġija tinjora kważi għal kollox l-aħħar rapport b’rakkomandazzjonijiet tal-Kungress Ewropew tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali li ilhom jiġimgħu t-trab fil-kxaxen tal-gvern mill-2017. Waħda biss mir-rakkomandazzjonijiet li saru lill-gvern u li aktar ‘il quddiem f’dan id-dokument nagħmlu sunt tagħhom, hi parzjalment trattata fid-dokument li l-gvern qed jippreżenta bħala l-ġabra ta’ dak li se jiġri mill-Kunsilli Lokali fis-7 snin li ġejjin.

Din hi r-rakkomandazzjoni li jiġi assigurat sehem akbar u aktar rappreżentattiv tal-membri tal-komunità f’pożizzjonijiet ta’ poter. Il-gvern qed jipproponi li jimplimenta fil-Kunsilli Lokali mekkaniżmu għall-bilanċ fir-rappreżentazzjoni tal-ġeneri simili għal dak li jintuża fil-ħatra tal-Parlamentari. Lil hinn minn dubji dwar kemm hu ġust dan il-mudell, hu rikonoxxut li għandu l-effett li jżid il-parteċipazzjoni tan-nisa f’Parlament qabel ferm aktar dominat mill-irġiel.

Infakkru iżda fir-rakkomandazzjoni li għamilna fil-kontribuzzjoni tagħna meta kienet qed titħejja l-istrateġija nazzjonali kontra l-ksenofobija u r-razziżmu. Dak inhar irrakkomandajna li r-residenti permanent kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, għandhom jitħallew jipparteċipaw fl-elezzjonijiet lokali u jikkontestaw biex isiru Sindki u Kunsilliera. L-esklużjoni ta’ residenti permanenti li mhumiex ċittadini tal-Unjoni Ewropea mid-demokrazija Maltija toħloq ġerarkija ta’ drittijiet inġusta u li toħnoq l-opportunità għal integrazzjoni soċjali u inklużjoni demokratika.

Il-ħames temi u l-azzjonijiet li jaqgħu taħthom imkien ma jitkellmu fuq żieda ta’ poteri għall-Kunsilli Lokali (u allura t-tnaqqis tal-poter tal-ministri tal-gvern). Imkien ma jitkellmu fuq aktar awtonomija għall-Kunsilli Lokali biex ikunu jistgħu jaġixxu b’mod li jkunu jixtiequ ċ-ċittadini li jagħżluhom.

Minflok ħafna mit-temi msemmijja huma skużi biex ikompli jiżdied il-kontroll tal-ministri fuq il-Kunsilli, tkompli tiżdied l-għassa, u aktar flus li suppost huma dedikati għall-użu tal-Kunsilli Lokali jiġu ċċentralizzati.

Ir-riferenzi għal “ambjent aktar nadif” u “riżorsa reġjonali” huma biss il-ġustifikazzjoni biex poteri li kienu tal-Kunsilli Lokali jkomplu jitnaqqsulhom u t-tħaddim tal-amministrazzjoni pubblika tkompli titbiegħed miċ-ċittadini u toqrob lejn is-swaba tal-ministri tal-gvern.

Hu ironiku għall-aħħar li 20% tal-istrateġija tal-gvern tikkonċentra fuq taħriġ u f’aktar riżorsi umani mqabbda biex jassiguraw “governanza tajba” meta aktar ma jgħaddi żmien anqas il-

Kunsilli Lokali qed jitħallew jiggvernaw, tajjeb jew ħażin. Hu doppjament ironiku meta Sindki u Kunsilliera jkollhom jiffaċċjaw ir-rabja taċ-ċittadini li mingħalihom li xi ħaġa hi fir-responsabbiltà tagħhom imma fil-fatt qed issir ħażin frott il-governanza ħażina tal-gvern ċentrali.

## It-tnaqqis tal-poteri

F’dawn l-aħħar għaxar snin waqaf għal kollox il-programm li kien ilu għaddej fl-20 sena ta’ qabel li poteri li kienu tal-ministri jgħaddu f’idejn il-Kunsilli Lokali. Dak il-programm tad-devoluzzjoni tal-poter ma kellux għanijiet biss t’effiċjenza amministrattiva. Id-deċentralizzazzjoni tal-poter tnaqqas il-klienteliżmu u tassigura r-rilevanza lokali tad-deċiżjonijiet politiċi u amministrattivi, dik li kienet tissejjaħ sussidjarjetà.

Sfortunatament il-kelma sussidjarjetà intesiet mil-lessiku politiku Malti tant li mhux talli ma tkomplietx id-devoluzzjoni, talli funzjonijiet li kienu diġà ngħataw lill-Kunsilli Lokali, ittieħdulhom f’dawn l-aħħar 10 snin.

Naqas drammatikament ir-rwol tal-Kunsilli Lokali fiż-żamma tat-toroq residenzjali, fl-infurzar tal-liġi fil-lokalità, fil-ġbir tal-iskart, fid-dwal tat-toroq, u f’ħafna funzjonijiet oħra li għal xi skuża jew oħra ma baqgħux tal-Kunsilli.

Dan iżid il-klienteliżmu. Sindki jilmentaw li resident li jiġi għandhom jilmenta fuq xi ħaġa li fl-imgħoddi kienet fil-kompetenza tagħhom ikollhom jgħidulu li ma jistgħu jagħmlu xejn dwarha. Imbagħad ir-resident jinqeda’ mill-customer care office (kliem sabiħ għal canvasser permanenti imħallas mill-istat) tal-ministru tad-distrett.

F’każijiet il-frustrazzjoni tal-Kunsilliera Lokali toħroġ fil-beraħ. Fl-imgħoddi l-Kunsilli Lokali kellhom il-poter u l-awtorità jibgħatu uffiċjali tal-infurzar tal-liġi biex jinfurzaw dawk l-offiżi depenalizzati u allura jassiguraw iż-żamma tal-ordni fil-bliet u l-irħula tagħhom. Illum il-Kunsilli tilfu din l-awtorità u waslu waslu sal-punt li meta residenti lmentaw fuq storbju żejjed fit-triqat tagħhom, Kunsillier pubblikament ta parir liċ-ċittadini jieħdu l-liġi f’idejhom u jaħslu lil min qed jikser il-liġi b’barmil ilma.

Insemmu dan l-eżempju bħala rappreżentattiv tal-frustrazzjoni ġenerali tal-Kunsilliera Lokali li ma jistgħux jilħqu l-aspettattivi raġjonevoli taċ-ċittadini anke f’oqsma fejn fl-imgħoddi setgħu jagħmlu hekk.

## Kumitati rappreżentativi

L-istess qed naraw dejjem aktar frustrazzjoni espressa pubblikament ta' Sindki u Kunsilliera li qed jaraw il-fehmiet tagħhom fuq proġetti u deċiżjonijiet li jolqtu direttament u esklussivament il-lokalitajiet tagħhom regolarment injorati mill-gvern ċentrali u minn deċiżjonijiet ministerjali.

Aktar ma jgħaddi żmien anqas il-Kunsilli Lokali jistgħu jissejjħu tassew "gvern" fis-sens tal-kelma, jiġifieri awtorità awtonoma. Minflok saru kif tridhom is-Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli, "estensjoni tal-Gvern" u allura friegħi ta' Kastilja. Inkella, anke meta xi Sindki u Kunsilliera jkunu mċaħħda mill-awtorità prattika amministrattiva, iżommu awtonomija politika mir-rieda tal-gvern ċentrali, minflok "gvern lokali" effettivament isiru lobby li jirrapreżenta lir-residenti.

Ma jkollniex demokrazija lokali jekk isiru elezzjonijiet biex jinħatru kumitati li l-funzjoni tagħhom tkun bħal ta' xi kumitat ta' xi assoċjazzjoni tar-residenti. Lobbies tar-residenti għandhom skop għalihom f'demokrazija jew bħala forma ta' għaqdiet volontarji jew bħala forma ta' partiti politiċi lokali. Imma dawn weħidhom ma jissodisfawx il-bżonn ta' poter effettiv u awtonomu maħtur mir-residenti mhux tant biex jirrappreżenta l-opinjonijiet tagħhom daqs kemm biex jiggverna l-belt jew r-raħal fejn jgħixu.

Nammiraw Sindki u Kunsilliera li jitkellmu b'mod voċiferu u pubbliku biex jiddefendu l-interessi tar-residenti tagħhom mill-intrużjonijiet u l-abbużi tal-poteri tal-gvern ċentrali meta l-gvern ċentrali jkun insensittiv għall-bżonnijiet tal-lokalitajiet milquta mid-deċiżjonijiet tiegħu.

Iżda fl-istess waqt diżappuntati naraw li l-Kunsilli Lokali m'għandhomx – u milli kellhom, naqsilhom – il-poter li jieħdu sehem reali, legali, u li jorbot fid-deċiżjoni li tolqot il-lokalità tagħhom.

## Ir-rakkomandazzjonijiet pendenti

Inniżżlu għalhekk ir-rakkomandazzjonijiet li għandu quddiemu l-gvern ċentrali u li fil-fehma tagħna misshom huma parti minn kwalunkwe viżjoni strateġika nazzjonali għas-7 snin li ġejjin:

### Dikjarazzjoni kostituzzjonali

Il-Kostituzzjoni ta' Malta tgħid li Malta għandu jkollha "gvern lokali". Dan mhux biżżejjed. Il-Kostituzzjoni għandha tgħid li Malta għandu jkollha "gvern lokali immexxi mill-poplu tal-lokalità".

Dan mhux xi dettall. Dan hu prinċipju importanti għax b'dan l-obbligu mqiegħed bħala sies Kostituzzjonali inkunu nistgħu nwaqqfu l-konċentrazzjoni anti-demokratika tal-poter li ilna nesperjenzaw dawn l-aħħar 10 snin.

### Awtonomija finanzjarja

Il-Kunsilli Lokali għandu jkollhom aktar awtonomija u flessibiltà fit-tmexxija ta' flushom u jitħallaw jagħżlu huma l-prioritajiet għal-lokalitajiet tagħhom. M'għandu jkollhom bżonn il-permess ta' ħadd fil-gvern ċentrali biex jisselfu l-flus.

Il-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw aktar flus kull sena biex jaħdmu. Dan mhux argument biex tiżdied l-ispiża pubblika. Dan hu argument biex aktar responsabbiltajiet li llum huma f'idejn il-gvern ċentrali jingħataw minflok lill-Kunsilli Lokali u flimkien mar-responsabbiltajiet, il-Kunsilli jingħataw il-fondi biex jagħmlu xogħolhom.

Il-Kunsilli Lokali għandu jkollhom il-poter (sanċit fil-Karta Ewropea) li jiġbru taxxi lokali skont parametri stabbiliti bil-liġi biex ikollhom riżorsi li jistgħu jużaw b'mod awtonomu fl-interess tal-lokalitajiet tagħhom.

### Żieda ta' funzjonijiet

Il-gvern u l-Kunsilli Lokali għandhom ifasslu programm ta' devoluzzjoni ta' kompetenzi u funzjonijiet biex jikber ir-rwol tal-gvern lokali fil-gvern tal-pajjiż. Dan għandu jinkludi responsabbiltajiet f'oqsma bħall-housing soċjali, welfare fil-komunità, edukazzjoni, kultura, infurzar tal-liġi, saħħa, integrazzjoni, u oħrajn.

### Inqas indħil tal-gvern ċentrali

Hu sew li l-gvern ċentrali jżomm għassa li l-Kunsilli Lokali ma jiksrux liġijiet finanzjarji. Iżda kull għassa għandha tkun limitata biss f'każ li jkun hemm ksur tal-liġi u mhux bi skuża biex il-gvern ċentrali jibqa' jindaħal kif jagħmel il-lum fuqhiex jintefqu l-flus tal-Kunsill.

### Konsultazzjoni effettiva

L-entitajiet kollha tal-gvern ċentrali għandhom jiġu soġġetti għall-obbligu legali li jikkonsultaw b'mod effettiv, f'ħin proporzjonat, u kif jixraq mal-Kunsilli Lokali f'kull deċiżjoni li tkun se tolqot il-lokalitajiet li jiggvernaw.

### Kumpens xieraq

Il-Kunsilliera Lokali għandhom jiġu kkumpensati tad-dħul li jitilfu minħabba l-ħin li jagħtu biex iservu lill-komunitajiet tagħhom u għandu jkollhom benefiċċji soċjali biex ma jbatux konsegwenzi finanzjarji għax qed iservu fil-Kunsilli.

### Il-membri eletti jagħżlu lill-amministraturi

Il-Kunsilli Lokali m'għandu jkollhom bżonn il-permess ta' ħadd fil-gvern ċentrali meta jagħżlu lil min jimpjegaw, għad li naturalment il-mod kif Kunsilli Lokali jimpjega għandu jsir b'mod ekwu, trasparenti, skont il-liġi, u mingħajr ebda forma ta' preferenzi jew diskriminazzjoni.

### Rikonoxximent tal-Belt Kapitali

Il-Belt Valletta għandha tiġi rikonoxxuta b'mod legali bħala l-Belt Kapitali u allura l-Kunsill Lokali tal-Kapitali jingħata l-poteri u r-riżorsi biex ikun jista' jservi l-ħtiġijiet speċjali ta' belt kapitali.

### Parteċipazzjoni akbar

Ir-residenti permanenti kollha, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom, għandhom jingħataw sehem sħiħ fl-elezzjoni u t-tmexxijja tal-gvern lokali.

## Taxxi Lokali

Meta Malta iffirmat il-Karta Ewropea dwar il-Gvern Lokali żammet riżerva fuq l-obbligu li joħroġ mill-Karta li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom il-poter li jiġbru taxxi u li dan il-poter jippermettilhom diskrezzjoni fuq l-infieq tagħhom.

Minn meta ġew l-ewwel stabbiliti l-Kunsilli Lokali f'Malta, il-qbil politiku bejn il-partiti ewlenin kien li l-Kunsilli Lokali ma jitħallewx jagħmlu u jiġbru taxxi lokali. Seta' kien hemm diversi raġunijiet għal dan.

Għall-ewwel li daħlu l-Kunsilli, taxxi ġodda setgħu ġabu fuq il-kunċett t'awtonomija lokali ostilità pubblika meta l-kunċett ta' gvern lokali kien għadu ġdid għal Malta. Minn dak inhar imbagħad partit politiku spiss beżża' lill-pubbliku li l-partit l-ieħor ried idaħħal taxxi lokali u li dan kien evidentement xi ħaġa ħażina għax it-taxxi huma xi ħaġa ħażina.

Fil-fehma tagħna, it-taxxi huma eżerċizzju ta' ġustizzja soċjali fejn min jista' jikkontribwixxi mill-ġid tiegħu jagħmel hekk biex il-ġid jitqassam aħjar. Fuq livell nazzjonali it-taxxi jħallsu għar-ridistribuzzjoni f'forma ta' servizzi soċjali, pensjonijiet, u infieq nazzjonali għall-kura u l-edukazzjoni ta' kulħadd.

Taxxi lokali huma meħtieġa għal ridistribuzzjoni fuq livell lokali: għal servizzi lokali ta' edukazzjoni u saħħa, għat-titjib ta' żoni żvantaġġjati u foqra tal-bliet u l-irħula, għaż-żamma tal-ordni f'postijiet frekwentati jew iffullati, għat-tkattir tal-kultura u l-integrazzjoni ta' membri ġodda tal-komunità.

Taxxi lokali jiġġustifikaw l-eżerċizzju demokratiku lokali għax meta jkunu qed iħallsu għall-Kunsill tagħhom, iċ-ċittadini jużaw id-dritt tagħhom li jipparteċipaw f'laqgħat pubbliċi, fl-elezzjonijiet, u fl-attivitajiet l-oħra ta' demokrazija lokali biex jiskrutinizzaw kif qed jintefqu t-taxxi tagħhom.

Sakemm il-Kunsilli Lokali jibqgħu jiddependu kważi għal kollox mill-ġenerożità u l-irbit li jiġi magħha tal-ministru tal-finanzi, mhux se nkunu nistgħu ngħidu li għandna demokrazija lokali ġenwina u vera.

Nemmnu għalhekk li Malta għandha tirratifika il-provvediment rilevanti tal-Karta Ewropea u tagħti d-dritt lill-Kunsilli Lokali jiġbru taxxi lokali f'parametri magħmula b'liġi.

Nistennew li jkun hemm min jipprova jiskredita lil Repubblika minħabba din il-fehma. L-ironija hi li min jagħmel hekk, anke jekk dik ma tkunx l-intenzjoni tiegħu, ikun qed jgħid li l-Kunsilli Lokali m'għandhomx il-kapaċità jiggvernaw b'mod responsabbli u awtonomu minkejja l-fatt li huma eletti mir-residenti tal-lokalitajiet tagħhom.

Iżda fil-bqija tad-demokraziji li nafu bihom aħna l-awtoritajiet lokali kollha għandhom xi forma ta' possibiltà (regolamentata) li jiġbru t-taxxi tagħhom. Ma narawx għalfejn dan m'għandux ikun il-każ f'Malta wkoll.

## Kunsilli Reġjonali

Mill-2011 'il hawn ġiet formalizzata legalment l-istruttura ta' Kunsill Reġjonali li għandu l-forma ta' federazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-reġjun b'kompetenza x'imkien fin-nofs bejn tal-Kunsilli Lokali u tal-gvern ċentrali.

L-argument li sar meta twaqqfu dawn il-Kunsilli Reġjonali kien li l-Kunsilli Lokali huma żgħar wisq biex jieħdu f'idejhom ħafna kompetenzi tal-gvern ċentrali mingħajr ma jkun hemm ineffiċjenzi u żieda fl-ispejjeż minħabba l-frammentazzjoni amministrattiva ta' tant kunsilli. L-argument jagħmel sens.

Waqt li rajna l-konċentrazzjoni ta' responsabbiltajiet li qabel kienu tal-Kunsilli Lokali f'idejn il-Kunsilli Reġjonali, rajna wisq anqas l-opportunità li ġab il-ħolqien tal-Kunsilli Reġjonali biex poteri tal-gvern ċentrali li kienu kumplessi wisq għall-Kunsilli Lokali jiġu devoluti minflok lill-Kunsilli Reġjonali.

Fi kliem ieħor it-traffiku tad-devoluzzjoni tal-poter tmexxa f'direzzjoni waħda, inaqqas il-poter tal-Kunsilli Lokali u ma jnaqqas xejn mill-poter tal-gvern ċentrali.

Nissottolineaw li l-Kunsilli Reġjonali m'għandhom xejn mil-leġittimità tas-saffi ta' taħthom u ta' fuqhom fl-amministrazzjoni tal-pajjiż. Il-Kunsilli Lokali huma eletti mill-poplu direttament, imma l-Kunsilli Reġjonali huma eletti minn u minn fost il-Kunsilliera Lokali; dan joħloq saff ta' distanza bejn l-elettorat u min effettivament qed jieħu d-deċiżjonijiet.

Dan jherri flok issaħħaħ is-sussidjarjetà.

Hu għalhekk li naħsbu li l-Kunsilliera Lokali (mhux il-gvern ċentrali) għandhom jaħsbu u jieħdu deċiżjonijiet dwar x'viżjoni għandhom huma għall-awtonomija lokali fil-futur qarib.

Jekk iridu aktar poteri fil-livell reġjonali, allura għandna nikkunsidraw soluzzjonijiet bħal elezzjonijiet diretti għall-gvern reġjonali jew saħansitra l-integrazzjoni sħiħa (merging) ta' Kunsilli Lokali ġirien f'Kunsilli Reġjonali b'poteri effettivi u leġittimità demokratika b'elezzjonijiet diretti għat-tmexxija tagħhom.

Il-prinċipju li għandu jispira kwalunkwe viżjoni hu s-sussidjarjetà, jiġifieri li d-deċiżjonijiet jittieħdu fis-saff l-eqreb possibbli lejn iċ-ċittadini li jibqa' prattiku u effettiv waqt li jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni u l-iskrutinju tal-elettorat.

## Parteċipazzjoni ta' Kulħadd

Is-Segretarju Parlamentari Zerafa Civelli tqis il-"Kunsilli Lokali estensjoni tal-Gvern fil-komunità." Aħna għandna l-fehma opposta li l-Kunsilli Lokali huma estensjoni tal-komunità sal-punt li l-komunità tiggverna lilha nfisha. Dik fuq kollox hi d-definizzjoni ta' demokrazija fi kwalunkwe dizzjunarju li nafu.

Hu għalhekk importanti għalina li l-Kunsilli Lokali jkunu jirriflettu l-membri kollha tal-Komunità għax l-esklużjoni ta' sezzjoni tal-komunità mill-gvern tagħha m'għandhiex biss l-implikazzjoni politika u legali ta' diskriminazzjoni u inġustizzja; għandha wkoll l-effett soċjali li tkabbar u tipperpetwa l-firdiet fis-soċjetà.

L-emanċipazzjoni tal-votanti hi vitali għall-koeżjoni soċjali u għal demokrazija vera. L-esklużjoni ta' gruppi ta' votanti minħabba karetteristiċi kollettivi hu forma ta' apartheid inġust u perikoluż.

Hu għalhekk li meta naraw ir-realtajiet ta' ħafna bliet u rħula Maltin, l-esklużjoni ta' residenti permanenti li mhumiex ċittadini tal-Unjoni Ewropea mill-vot u mill-possibiltà li jiġu eletti Sindki u Kunsilliera hi agħar minn telfa t'opportunità li nużaw il-Kunsilli bħala għodda għall-integrazzjoni. L-esklużjoni tagħhom hi inġustizzja u forma ta' garanzija impliċita li l-interessi u l-bżonnijiet tagħhom ma jitqisux fid-deċiżjonijiet li jittieħdu u li jolqtu l-ħajja tagħhom fil-komunità.

## Konklużjoni

Bħal f'ħafna aspetti oħra tad-demokrazija tagħna, id-demokrazija lokali hi traskurata u f'xi aspetti mherrijja biex l-interessi tal-ftit viċin Kastilja ma jkunu qatt mittiefsa minn xi poter li ma jkunx taħt il-kontroll tal-gvern tal-ġurnata.

Il-mixja ta' demokrazija lokali 30 snin ilu qajla għamlet progress f'dawn l-aħħar 15-il sena, u f'dawn l-aħħar 10 snin qabdet it-triq lura.

Id-dokument li ppubblika l-gvern hu bħal ħafna oħrajn ippubblikati dan l-aħħar f'dan il-qasam, eżerċizzju kożmetiku li jirratifika politika ostili għad-deċentralizzazzjoni tal-poter.

Il-maġġoranza kbira tal-lokalitajiet f'dawn l-aħħar snin ħatru maġġoranzi tal-Partit Laburista. Dan ma naqqas xejn mill-frustrazzjoni espressa minn ħafna Sindki u Kunsilliera leali lejn il-lokalitajiet tagħhom li jħossuhom imliġġma u msikkta u li apertament jilmentaw li mhux jitħallew jaqdu l-missjoni li l-pubbliku bi dritt jippretendi mingħandhom.

Id-demokrazija lokali m'għandhiex tibqa' trattata bħala rigal tal-ministri li jerħu jdejhom jew jiġbdu lura l-poter skont kif jaqblilhom jew skont kif jinbidlu ċ-ċirkostanzi. Id-demokrazija lokali hi dritt taċ-ċittadini li għandhom dritt jieħdu sehem fit-tmexxija tal-lokalitajiet fejn jgħixu, u għandhom dritt li dak is-sehem ikun effettiv, awtonomu, u ħieles mill-indħil ta' livelli oħra ta' gvern.

Aħna impenjati li nieħdu sehem bl-aktar mod sħiħ fi kwalunkwe diskussjoni nazzjonali li tara d-demokrazija lokali tagħna terġa' taqbad it-triq ta' tisħiħ li ilha li tilfet.